**STQARRIJA TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI TAL-PARLAMENT**

**Il-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali jiddiskuti l-effetti tal-vizzji fuq il-familja – id-droga u l-alkoħol**

*"...ir-relazzjoni pożittiva u l-bilanċ bejn is-soċjetà, il-familja u d-dipendenza (addiction) hija importanti sabiex persuna ma tinħakimx mill-vizzji tad-droga jew l-alkoħol..."*

*"...meta t-tfal ma jkollhomx biżżejjed imħabba, huwa aktar faċli għalihom li jaqgħu fid-dipendenza tal-vizzji..."*

*"...in-numru ta' persuni bil-vizzju tad-droga jew alkoħol żdiedu u dawn qed jagħmlu pressjoni fuq ir-riżorsi..."*

Fil-laqgħa li saret nhar il-11 ta' Frar 2009, il-Membri tal-Kumitat iltaqgħu wkoll mas-Sur Lawrence Bonello, is-Sinj Joyce Cassar u s-Sur Joe Chetcuti minn Caritas-Malta u Fr Emanuel Cordina u s-Sur Noel Xerri minn OASI-Għawdex sabiex jiddiskutu u jifhmu aħjar l-effetti tal-vizzji fuq il-familja.

Filwaqt li rringrazzjaw il-forzi tal-ordni u l-awtoritajiet fil-pajjiż għall-ġlieda kontra d-droga, il-professjonisti tal-Caritas urew it-tħassib tagħhom fuq il-fatt li skont statistika lokali tal-2007, il-konsum tad-droga żdied u l-qbid ta' droga naqas meta pparagunat mas-snin 2005 u 2006. Huma inkwetaw kif f'Malta wieħed sar jista' jakkwista d-droga aktar faċilment u l-użu tad-droga fil-*partys*. Il-professjonisti tal-Caritas irriferew għal xi miżuri li ħadu l-awtoritajiet fl-Olanda u l-Italja fuq regolamentazzjoni riġida fuq il-*partys* u testijiet għal min ikun ser isuq wara dawn l-attivitajiet. Dan mhux sabiex jiġu penalizzati l-persuni iżda sabiex l-Istat u s-soċjetà juru aktar determinazzjoni u għarfien fuq il-ħsara tal-użu ta' sustanzi illegali.

Il-professjonisti tal-OASI qalu wkoll li minn statistika li huma ġabru mingħand il-klijenti tagħhom, jidher li ż-żgħażagħ mhux qed ifittxu għajnuna meta jieħdu l-*ecstacy* u l-kannabis u ma jarawhomx bħala drogi li għandhom bżonn ir-riabilitazzjoni. Minn naħa huwa ħażin għaliex dawn id-drogi huma ta' ħsara kbira għas-saħħa u jwasslu għal drogi itqal (kokaina u eroina), u minn naħa l-oħra jfisser li ħafna persuni jfittxu l-għajnuna meta l-problema tkun daħlet fil-fond wisq. Wieħed mill-professjonisti tal-Caritas ikkwota kif minn studju fuq perjodu ta' 15-il sena fi New Zealand, ħareġ ċar li l-bidliet negattivi li qed iseħħu fil-familji u l-effetti bla ħtija fuq it-tfal, qed iwasslu għall-imġieba anti-soċjali u aktar ċans ta' użu ta' droga minn dawn it-tfal. Il-familja għandha tkun post fejn it-tfal iħossuhom maħbubin u jistgħu jiddiskutu l-ansjetà u l-problemi tagħhom mal-ġenituri.

Il-professjonisti tal-Caritas u OASI ddiskutew ukoll il-weġgħat tal-familji li għandhom xi qarib fil-ħabs minħabba d-droga. Minn laqgħat li huma kellhom ma' dawn il-familji, qalu li għalkemm kienet ġiet emendata l-liġi relatata ma' droga, xorta għadu jinħass żbilanċ bejn is-sentenzi li jinqatgħu fil-Qorti bejn persuni li jkollhom id-droga sabiex jiffinanzjaw il-vizzju tagħhom u dawk li jittraffikaw. Dawn is-sentenzi jġibu ħafna emozzjonijiet negattivi. Il-familjari ta' dawn il-persuni fil-ħabs ilmentaw fuq id-dewmien fil-Qrati u l-fatt kif persuni li jkunu għamlu l-programmi u jfiequ mid-droga, jispiċċaw jeħlu l-ħabs u jerġgħu jaqgħu fil-vizzju tad-droga. Tkellmu wkoll dwar l-introduzzjoni tad-*Drug Courts* u n-nuqqas ta' *shelters* għan-nisa li jkollhom problemi tad-droga, liema suġġett ser jiġi diskuss aktar fil-fond f'laqgħat oħra.

Il-laqgħa tmexxiet mill-Onor Edwin Vassallo, President tal-Kumitat, u kienu preżenti l-Onor Frederick Azzopardi, l-Onor Michael Gonzi u l-Onor David Agius.

**DOI – 13.02.2009**